MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 1620/2001/1

***Marsovin Limited***
***Vs***
***Nicholsons The Supermarket Limited***

Illum 15 ta' Jannar 2003

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li biha l-attrici ppremettiet illi bi skrittura tas-27 ta' Lulju, 2001 (Dok. A), is-socjeta' konvenuta obbligat ruhha li thallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' disghin elf, tlett mija w erbghin lira Maltin (LM 90,343.00c), u dana bhala bilanc ta' prezz ta' prodotti tas-socjeta` attrici mibjugha u konsenjati lis-socjeta` konvenuta fid-diversi "outlets" taghha.

Ippremettiet illi l-imsemmija somma kellha tithallas billi is-socjeta` konvenuta tintrabat li tixtri minghand is-socjeta` attrici minimu ta' valur ta' prodotti ta' mhux inqas minn elf lira Maltin (LM 1,000) fil-gimgha mid-data tal-istess

skrittura u b'dana li s-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici somma ta' elf sitt mija u hamsin lira Maltin (LM 1650) fil-gimgha, fi flus kontanti jew b'bankers draft u, f'kaz li is-socjeta' konvenuta tordna aktar minn elf lira Maltin (LM 1000) fil-gimgha f'valur ta' prodotti tas-socjeta' attrici, allura is-socjeta' konvenuta tkun obbligata li thallas bl-istess mod sitt mija u hamsin lira Maltin (LM650) ghal kull elf lira (LM1000) ta' prodotti ordnati (klawsoli 1 u 2 tal-istess skrittura Dok A).
Ippremettiet iili gie stipulat ukoll li jekk is-socjeta konvenuta tonqos mill-obbligi taghha skond il-klawsoli 1 u 2 tal-istess skrittura (Dok A), allura is-socjeta' attrici tkun intitolata li tesigi il-hlas tal-bilanc tal-prezz kollu li jkun ghadu dovut minnufih bl-imghax tat-8% minn dik id-data tal-ksur tal-obbligi tas-socjeta' konvenuta, kif ukoll somma ta' hamsin lira Maltin (LM 50) kuljum, liema somma tirraprezenta l-imghax dovut mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici fuq il-bilanc li jkun dovut mid-data minn meta dak il-bilanc kien dovut.

Ippremettiet illi is-socjeta' konvenuta, wara li ghamlet xi gimghat timxi skond dan il-ftehim, naqset mill-obbligu taghha assunt skond il-klawsola 1 u 2 tal-imsemmija skrittura (Dok A) billi fil-gimghat li bdew it-Tnejn 24 ta' Settembru u t-Tnejn l-01 ta' Ottubru, 2001, la ordnat il-prodotti u inqas u inqas hallset il-prezz u pagamenti stipulati.

Ippremettiet illi ghalhekk, skond il-klawsola 3 tal-istess skrittura, is-socjeta' attrici ghandha id-dritt li tesigi il-hlas tal-bilanc kollu dovut minnufih, liema bilanc skond il-prospett Dok B u l-istatements Dok C jammonta ghas-somma komplessiva ta' tlieta u tmenin elf, disa mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin (LM 83,922).

Tghid is-socjeta' konvenuta ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, m'ghandux jigi dikjarat u deciz minn din il-Qorti li:

1. is-socjeta' konvenuta naqset mill-obbligi taghha kontenuti fil-klawsoli 1 u 2 tal-iskrittura tas-s27 ta' Lulju, 2001 (Dok A) u konsegwentement is-socjeta' attrici

ghandha id-dritt li tesigi il-hlas minnufih tal-bilanc dovut skond l-istess Dok A, u l-prospett u Statements (Dok B u C) ghat-tenur tal-klawsola 3 tal-istess skrittura, flimkien mal-imghax tat-8% u ghall-kommunazzjonijiet l-ohra kontenuti fl-istess skrittura;
2. ghaliex ghalhekk is-socjeta' konvenuta m'ghandhiex tigi kundannata li thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' tlieta u tmenin elf, disa mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin (LM 83, 922), bilanc dovut, skond il-prospett Dok B u statements Dok C, flimkien mal-imghax tat-8% mill-24 ta' Settembru, 2001; u l-imghax tat-8% fuq l-ammonti dovuti qabel din id-data minn meta saru dovuti bil-konsenji rispettivi tal-prodotti imsemmija fl-istess skrittura, li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez – komprizi dawk tal-mandat ta' qbid u ta' sekwestru tal-lum stess – kontra is-socjeta' konvenuta li tibqa' ingunta minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta li biha ecepiet illi dawn il-proceduri huma intempestivi;

Illi f'kwalunkw kaz l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici mhuwiex dovut;

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat in-nota tas-socjeta konvenuta li permezz taghha ammettiet t-talbiet tas-socjeta' attrici u d-dikjarazzjoni li hija debitrici fl-ammont ta' tlieta u tmenin elf hames mija u tmienja u sittin liri Maltin (LM 83, 568) f'liema ammont hemm inkluz l-imghax sal-lum.

Ikkunsidrat:

Fuq ammissjoni tas-socjeta` konvenuta tilqa` t-talbiet attrici kif dedotti bl-imghaxijiet legali, kif mitluba, bl-ispejjez kollha a karigu tas-socjeta` konvenuta.

---------------------------------TMIEM---------------------------------